**TESTI ADOTTATI**

# P8_TA(2015)0059

## It-tneħħija tal-immunità ta' Theodoros Zagorakis

### Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2015 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Theodoros Zagorakis (2015/2048(IMM))

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Theodoros Zagorakis, imressqa fid-19 ta' Diċembru 2014 mill-Aġent Prosekutur tal-Qorti Suprema tal-Greċja b'rabta mal-kawża li qed tinstema' fil-qorti kriminali mhux kolleġġjali ta' Tessaloniki bir-referenza E2010/3844, u mħabbra fis-seduta plenarja fit-28 ta' Jannar 2015,

– wara li Theodoros Zagorakis irrinunzja għad-dritt tiegħu għal smigħ skont l-Artikolu 9(5) tar-Regoli ta' Proċedura,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,

– wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fit-12 ta' Mejju 1964, fl-10 ta' Lulju 1986, fil-15 u l-21 ta' Ottubru 2008, fid-19 ta' Marzu 2010, fis-6 ta' Settembru 2011 u fis-17 ta' Jannar 2013[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Greċja,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 5(2) u 6(1) u l-Artikolu 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

---

[1] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Mejju 1964, Wagner vs Fohrmann u Krier, 101/63, ECLI:EU:C:1964:28; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Lulju 1986, Wybot vs Faure et., 149/85, ECLI:EU:C:1986:310; sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2008, Mote vs il-Parlament, T-345/05, ECLI:EU:T:2008:440; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 1986, Marra vs De Gregorio u Clemente, C 200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2010, Gollnisch vs il-Parlament, T-42/05, ECLI:EU:T:2010:102; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, Patriciello, C 163/10, ECLI: EU:C:2011:543; sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013, Gollnisch vs il-Parlament, T-346/11 et T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23.

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0044/2015),

A. billi l-Aġent Prosekutur tal-Qorti Suprema tal-Greċja talab li, bi rbit ma' proċedimenti possibbli dwar reat allegat, titneħħa l-immunità ta' Theodoros Zagorakis, Membru tal-Parlament Ewropew;

B. billi, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, il-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom igawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-parlament tagħhom;

C. billi, skont l-Artikolu 62 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Greċja, waqt il-mandat ta' leġiżlatura, membru tal-parlament ma tistax issirlu prosekuzzjoni u ma jistax jiġi detenut jew arrestat jew isofri kwalunkwe tip ta' restrizzjoni tal-libertà tiegħu mingħajr il-kunsens tal-parlament;

D. billi Theodoros Zagorakis huwa akkużat li b'negliġenza kkawża korriment fiżiku u li kiser ir-regoli dwar is-sikurezza fuq il-post tax-xogħol;

E. billi l-prosekuzzjoni kriminali torbot ma' aċċident li impjegat tal-klabb tal-futbol PAOK ġarrab fuq il-post tax-xogħol fl-istadju tal-istess klabb f'Tessaloniki fit-13 ta' Mejju 2010, u li qed issir lil Theodoros Zagorakis bħala President u rappreżentant legali tal-klabb;

F. billi huwa evidenti li r-reat allegat m'għandu l-ebda konnessjoni mal-pożizzjoni ta' Theodoros Zagorakis bħala Membru tal-Parlament Ewropew, iżda jorbot mal-kariga tiegħu bħala President tal-klabb tal-futbol PAOK;

G. billi l-prosekuzzjoni kriminali ma tirrigwarda l-ebda opinjoni espressa jew vot mogħti fil-qadi ta' dmirijiet bħala Membru tal-Parlament Ewropew fit-tifsira tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;

H. billi m'hemm l-ebda raġuni għall-preżunzjoni li l-prosekuzzjoni kriminali tibbaża fuq l-intenzjoni li tagħmel ħsara lill-attività politika tal-Membru (*fumus persecutionis*), ladarba l-prosekuzzjoni kriminali nbdiet bosta snin qabel ma l-Membru ħa l-kariga fil-Parlament Ewropew;

1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Theodoros Zagorakis;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-Aġent Prosekutur tal-Qorti Suprema tal-Greċja.